MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 255/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. D. Theuma)**
**(Spt.R. Aquilina)**
**Vs**
**Brian Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' dawn il-gzejjer fil-21 ta' Jannar, 2006 u fil-gimghat ta' qabel din id-data b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzjoni wahda:

a) xjentement ghex ghal-kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna minuri ta' nazzjonalita' Maltija w dan bi ksur ta' l-artikolu 7(1) tal- Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) biex jissodisfa z-zina ta’ haddiehor, hajjar ghal-prostituzzjoni persuna taht l-eta` jew eccita l-korruzjoni taghha jew ghen jew iffacilita’ din il- prostituzzjoni jew korruzjoni.

c) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi skond il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill- President ta’ Malta li jforni id-droga msemmija w minghajr ma kien fil- pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza imsemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni d-droga imsemmija w dan bi ksur tar-regolamenti 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta’ l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil- miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x’ jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta w r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

e) ipproduca, biegh jew xort’ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju, 2009 li biha, ma sabitx lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-16 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena fuqu skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghaddiet ghad-decizjoni taghha bhala rizultat ta' apprezzament zbaljat u rragjonevoli tal-provi li tresqu quddiemha w dan peress li mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti, kemm mit-testimonjanzi kif ukoll mid-dokumenti prodotti, dik l-istess Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni minnha milhuqa (li tiddikjara lill-appellat mhux hati) stante li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li fil-fatt, fid-data w lok indikat fl-imputazzjoni, l-appellat kien wettaq ir-reati imputati lilu kollha w ghalhekk l-appellant kien qed jinterponi dan l-appell ai termini ta' l-artikolu 413(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-appellant umbaghad ghadda biex analizza detaljatament id-diversi motivi li adducew lill-Ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell tal-Avukat Generali hu bazat fuq dak li hu jsejjah bhala apprezzament zbaljat w irragonevoli tal-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix

id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel ezami approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza.

Illi dan il-principju gie dejjem applikat fil-gurisprudenza recenti anki ghall-kazijiet fejn l-apprezzament tal-fatti li kontra tieghu jkun qed isir appell, ikun sar mill-Magistrat togat fil-kaz t'appelli minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Japplika ugwalment meta l-appell ikun qed jigi ntavolat mill-prosekuzzjoni wara liberazzjoni tal-akkuzat mill-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, qalet li kien hemm bazikament zewg versjonijiet ta' x' gara w ma garax. Dik ta' omissis u dik tal-appellat u peress li fil-versjonijiet moghtija minn omissis kien hemm diversi inkonsistenzi, ma setghetx taghti kredibilita' lit-testimonjanza ta' omissis u ghalhekk din l-unika prova tal-prosekuzzjoni ma tikkostiwix prova lill'hemm minn kull dubju ragonevoli tal-htija tal-appellat u ghalhekk illiberatu.

Illi din il-Qorti ezaminat fid-dettall il-provi traskritti w anki rat il-*video recordings* tad-depozizzjoni ta' omissis quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll id-depozizzjoni tal-appellat u l-istqarrija tieghu mal-Ispettur investigattiv, kif ukoll id-depozizzjonijiet tat-tobba psikjatri li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti.

Issa, fil-waqt li hu minnu li hemm zewg versjonijiet alkwantu kontrastanti ta' kif graw il-fatti w dan jiggenera konflitt fil-provi, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] :-

*"… mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-*

*kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."*

Illi ghalkemm skond l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali, x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm il-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar, din il-Qorti ma tistax ma tosservax kif f' dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma ppruvatx tikkorrobora l-versjoni ta' omissis billi tressaq quddiem il-Qorti l-persuni li suppost fil-prezenza taghhom saru l-orgi sesswali w t-tqassim ta' droga li tallega li saru ix-xhud omissis. Il-Qorti tapprezza li dawn ix-xhieda - bhala persuni li allegatament kienu wkoll involuti - setghu jkunu xhieda riluttanti jew reticenti, imma kulltant anki mir-riluttanza jew reticenza ta' xhud wiehed jista' jifhem jew jinferixxi certi cirkostanzi. Invece, l-Pulizija ghazlet li tistrieh biss fuq il-versjoni li tat omissis meta giet rintraccata bhala *missing person* u tieqaf hemm. B' hekk il-kawza tirrivolvi biss fuq il-kedibilita' li ghandha tinghata din ix-xhud kontrapposta mal-versjoni li ta l-appellat.

Issa fil-waqt li kif osservat l-Ewwel Qorti hemm certi kontradizzjonijiet lampanti fuq cirkostanzi importanti fid-diversi dikjarazzjonijiet guramentati li ghamlet omissis, il-versjoni tal-appellat, kemm meta gie interrogat mill-Pulizija kif ukoll meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, baqghet dejjem l-istess. Hu kien gie kkuntattjat minn omissis fuq it-telephone li qaltlu li riedet tiltaqa' mieghu. Ghall-ewwel ma tax kaz. Meta regghet ikkuntattjatu fl-ahhar iltaqa' maghha w peress li qaltlu li kienet mahruba mid-dar tal-genituri taghha ghax dawn kienu jsawwtuha w jqahhbuha, hu kien henn ghaliha w hadha d-dar tieghu fejn damet biss tlitt ijiem mill-erbaghatax il-jum li kienet damet *"missing"* cioe' mis-7 ta' Jannar, sakemm sabuha l-Pulizija wahedha fil-Gzira fil-21 ta' Jannar, 2006. Hu qal li qatt ma kellu x' jaqsam maghha ghax bhal speci abborriha meta bdiet tirrakkontalu x' taghmel ma rgiel bhala prattici sesswali perversi w bla uzu tal-profilattici. Kien zammha mieghu w kien johodha mieghu bil-car meta jmur jiffirma l-Ghassa ta' tas-Sliema, fejn kien imur jiffirma fuq kaz li kellu pendenti

w anki hadha mieghu ghand Lorraine Cassar, habiba tieghu li kienet toqghod Bugibba. Stqarr li kien veru li darba minnhom f' dawn it-tlitt ijiem kellu *party* id-dar tieghu fejn gew diversi hbieb imma hemm la intuzat droga w lanqas sar sess kif allegat omissis. Lorraine Cassar kienet wissietu biex joqghod attent minn omissis u din darba minnhom, meta kienet ghand Lorraine, harget u ma regghetx giet lura. Hu cahad bil-qawwa kollha li kien taha xi droga jew li hadha l-Gzira biex tipprostitwixxi ruha. Wara li telqet reghhet cemplitlu imma hu ma regax taha wicc u injorha.

Fis-sentenza motivata w dettaljata taghha, l-Ewwel Qorti ghaddiet in rassenja r-ragunijiet kollha ghaliex hi kellha d-dubju dettat mir-raguni dwar l-allegazzjonijiet li ghamlet omissis fil-konfront tal-appellat u din il-Qorti ma tistax tghid li dawn ir-ragunijiet mhumiex validi w kogenti ghall-ahhar. Hekk l-Ewwel Qorti *"inter alia"* semmiet li minnkejja l-allegazzjonijiet ripetuti li l-appellat kien jittraffika w jforni diversi tipi ta' droga, t-tfittxija li ghamlu l-Pulizija fid-dar tal-appellat ghad-drogi w sustanzi projbiti ma wasslet imkien. Omissis l-ewwel bdiet biex tixhed li kien certu Adrian Busuttil li kien jipprostitwiha w johodha l-Gzira; mbaghad, f' daqqa wahda bdiet tghid li dan kien l-appellat. Hawwdet ukoll dwar id-drogi li kienet hadet u fejn hadithom. Ghalkemm qalet li l-appellat kien izommha maqfula go daru, qatt ma talbet l-ghajnuna minkejja li kellha l-mobile phone taghha il-hin kollu. Issemma wkoll li ma nstabu ebda tracci ta' droga fuq omissis mit-testijiet tossikologici li saru fuqha minkejja li din - skond ma xehdet - f' dawk l-erbghatax il-jum kienet suppost imbottita bid-drogi ta' diversi tipi. Issemmew ukoll diversi ragunijiet ohra ghala l-Ewwel Qorti ma setghetx tistrieh fuq id-depozizzjonijiet ta' omissis.

Pero', fil-fehma ta' din il-Qorti, l-aktar haga li tista' titfa' dubju fuq il-genwinita' tal-versjoni ta' omissis hija l-kondizzjoni psikika taghha li t-tabib kuranti taghha, l-psikjatra Dr. Mark Xuereb iddeskriva bhala *"behavioral disorders".* Dan xehed li omissis kienet giet rikoverata l-isptar minhabba kondizzjoni ta' *Conduct and Emotional Disorder* u dan jeffettwa s-*social conduct* taghha.

Ghandha *pattern* li titlaq mill-post fejn suppost tkun qed tirrisjedi w hemm element ta' promiskwita' ghax ikun hemm okkazzjonijiet fejn hi ma tkunx kapaci tiddetermina l-konsegwenzi tad-decizjonijiet li tkun qed tiehu. Tirrakkonta diversi episodji meta marret ma diversi rgiel ikbar minnha li sforzawha jaghmlu certi atti maghha. Pero', lanqas hu daqshekk car jekk dawn l-atti kienux fil-fatt sfurzati jew kienx hemm element ta' kunsens da parti taghha. Issofri minn episodji ta' nuqqas ta' koerenza w tibdil ta' versjonijiet meta tirrakkonta dawn l-episodji ta' promiskwita' w atti sesswali ma' rgiel akbar minnha.

Dr. Xuereb zied jghid testwalment hekk fix-xhieda tieghu:-

*"Huwa difficli tiddetermina meta n-nuqqas ta' koerenza jkunx dipendenti mill-fatt illi hija trid timmanipula jew inkella minhabba l-impulsivita' jew inkella ghax hi addirittura trid tigdeb u taf li qed tigdeb. Dan l-assessment tieghi huwa bazat fuq almenu dawn l-ahhar snin ta' kura kostanti maghha. U dan l-assessment jista' jsir anki retrospettivament meta* (wiehed) *jara l-file kollu taghha u r-records li ghandna taghha."*

*"Nispjega illi kull meta omissis nstabet wara xi episodji ta' nuqqas mir-residenza taghha, irrakkuntat stejjer ta' atti ta' natura sesswali jew promiskwita' w ta' ksur tal-ligi in generali. Per ezempju ssib lil xi hadd. Titla' fil-karozza mieghu w umbaghad imorru Ta' Qali u skond ma qalet hi biex jaghmlu atti sesswali. Il-bicca l-kbira r-rakkonti taghha, wara li tigi lura minn periodu ta' assenza, kienu jikkoncernaw att ta' natura sesswali ghalkemm mhux dejjem. Fil-fatt wahda mill-kolonni tat-terapija taghna ma omissis kien fil-fatt "sexual education". Nghid li omissis qatt ma kienet psychotic. Qatt ma kellha problemi ta' allucinazzjonijiet w affarijiet hekk. Nixtieq nghid li huwa difficli biex tiddetermina meta omissis tkun qed tghid dak illi temmen li hija l-verita' jew inkella dak li tkun qed tghid ghax tkun trid timmanipula jew inkella addirittura tigdeb jew inkella ghax tkun qed izzejjen il-verita'. Nghid illi persuna li tkun ghadha kif ltaqghet maghha difficli biex taghmel dak l-assessment. Jiena u professjonisti ohra li*

*ilna issa nsegwuha numru ta' snin ma tkunx daqshekk difficli ghalina."*

Dr. Xuereb qal ukoll li *"…din il-kondizzjoni hija 'life long' u l-kura li trid tinghata ha tvarja skond ic-cirkostanzi, z-zmienijiet u x' jinqala fil-hajja tal-persuna koncernata."*

Fid-dawl ta' dan l-*assessment* tat-tabib kuranti taghha li ilu jsegwiha mis-sena 2006, din il-Qorti tista' tifhem ghala l-Ewwel Qorti ma hassithiex konvinta sal-grad tac-certezza morali mid-dettalji li tat omissis fid-diversi dikjarazzjonijiet guramentati taghha fil-konfront tal-appellat.

Ghall-istess raguni, din il-Qorti wkoll ghandha dak il-*"lurking doubt"* dwar kemm hi veritjiera omissis fl-istampa li pingiet fil-konfront tal-appellat. Ovvjament dak li qalet jiggenera suspett qawwi kontra l-appellat imma fis-sistema legali taghna, s-suspett wahdu mhux bizzejjed biex fuqu tinstab htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma thossx li ghandha tissostiwittxxi l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar il-kredibilita' ta' omissis.

Konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Il-Qorti tordna li isem omissis ma ghandux jissemma la mill-media f' xi rapporti dwar dan il-kaz u lanqas fuq l-internet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------